

Brussell, 27 ta' Settembru 2018
(OR. en)

12512/18

FIN 722
INST 345
PE-L 46

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Kumitat tal-Baġit
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru dok. Cion:	12030/18
Suġġett:	Trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 21/2018 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018 – <i>Approvazzjoni</i>

1. Il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet Nru DEC 21/2018 dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (EGF) wara applikazzjoni mill-Portugall (EGF/2018/002 PT/Norte-Centro-Lisboa għall-ilbies)¹.
2. Il-fini ta' dan it-trasferiment huwa li jiġi ttrasferit ammont ta' EUR 4 655 883 f'approprjazzjonijiet ta' impenn mill-Artikolu 40 02 43 (*Riżerva għall-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni*) għall-Artikolu 04 04 01 (*FEG - biex jiġu appoġġati ħaddiema u persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat tal-globalizzazzjoni*), kif irreġistrat fid-dokument 12030/18.

¹ Dok. 12029/18.

3. Il-Kumitat tal-Baġit eżamina din il-proposta għal trasferiment fil-laqgħa tiegħu tas-17 ta' Settembru 2018.
4. Wara dak l-eżami, il-Kumitat tal-Baġit qabel, b'maġġoranza kwalifikata, li jissuġġerixxi li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jagħti parir lill-Kunsill biex japprova:
 - it-trasferiment ta' approprjazzjonijiet propost; u
 - l-abbozz ta' ittra fl-ANNESS għal dak l-għan.

ABBOZZ TA' ITTRA

minn : Il-President tal-Kunsill

lil : Il-President tal-Parlament Ewropew

kopja : Il-President tal-Kummissjoni

Sinjur,

F'konformità mal-Artikolu 31(6) tar-Regolament Finanzjarju tat-18 ta' Lulju 2018¹, ninfurmak li l-Kunsill approva t-trasferiment ta' approprijazzjonijiet Nru DEC 21/2018 fit-Taqsima III - Kummissjoni - tal-baġit ġenerali għall-2018.

(Formola ta' għeluq).

¹ Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 (ĠU L 193, 30.7.2018, p. 1).